FLORIANA
Borgo Vilhena

KUNSILL LOKALI - FLORIANA - LOCAL COUNCIL
15 Pjazza Emanuel S. Tonna, Floriana FRN1483
Telephone No. 21 235523, 21 236951 Fax No. 21 237723

27 ta' Dicembru 2012

# LAQGĦA TAL-KUNSILL

**Minuti tat-Tnax il-Laqgha tas-Sitt Kunsill Lokali Floriana**

Is-Sindku sejjah it-Tnax (12) il-Laqgha tas-Sitt Kunsill Lokali Floriana, li nzammet **nhar il-Erbgha 19 ta' Dicembru 2012 fil-5.30pm.**

It-Tnax (12) il-laqgha tas-Sitt Kunsill Lokali Floriana nzammet b'din l-agenda :-

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti imqajjma mill-minuti
3. Komunikazzjonijiet mis-Sindku
4. Mistoqsijiet lis-Sindku
5. Rapporti u Minuti tal-Kumitati / Sottokumitati
6. Rapporti minn Ufficjali tal-Kunsill
7. Approvazzjoni ta' Ħlas ta' Kontijiet Pendenti, Xiri u Materji Finanzjarji
8. Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet
9. Evalwazzjoni tal-offerti –
   a. FLC/T/6/12 – Architects and Works Manager
   b. FLC/Q/6/12 – Cleaning of Fountains
   c. FLC/T/5/12 – Cleaning and Upkeep of Gardens and public convenience
   d. FLC/T/8/12 – Provision of Insurance
10. Rapport Finanzjarju tat-Tielet kwart
11. Gbir ta Skart Riciklat
12. Celebrazzjonijiet Nazzjonali ta lejliet l-Ewwel tas-Sena
13. Nominazzjonijiet ghal Justin Haber Football Academy
14. Permessi ta Gabbani, etc
15. Tizjin tal-Milied fi Triq Sant'Anna u Balzunetta
16. Bankini u Asfaltar f'Balzunetta
17. Bye Law ghall-Uzu tal-fosos
18. Progett Floriana Model
19. Aggornament tal-Laqgha

Ghat-Tnax (12) il-Laqgha tas-Sitt Kunsill kien hemm prezenti **is-Sindku Nigel Holland, il-Vici Sindku Matthew Paris, il-Kunsillier Vincent Borg, il-Kunsillier Anthony Brincat u il-Kunsilliera Davina Sammut Hili mas-Segretarju Ezekuttiv assistit mill-iskrivana E. Theuma.**

**Bidu tal-laqgha:**
Il-laqgha nfethet permezz ta' talba zghira mis-Sindku Nigel Holland.

## 1.0 Approvazzjoni tal-Minuti

1.1. Il-minuti tal-hdax (11) il-laqgha tal-Kunsill gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha u ghaldaqstant gew unanimament ikkunsidrati bhala moqrija.

1.2 Il-minuti msemmija f'1.1 gew approvati unanimament, wara li tressqet mozzjoni mill-Kunsillier Vincent Borg u ssekondata mill-Vici Sindku Matthew Paris. Konsegwentament gew iffirmati l-minuti tal-laqgha tal-Kunsill mis-Sindku u mill-Vici-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv.

## 2.0 Punti imqajjma mill-minuti

2.1 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 3.2 (11) (attivitajiet) u saqsa jekk kienitx instabet ir-rata li ghandha tigi mizmuma. Is-Sindku saqsa lis-Segretarju Ezekuttiv li min-naha tieghu wiegeb li kien ghadu jrid jivverifika mal-minuti tal-laqgha kollha precedenti.

2.2 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 3.65 (11) u saqsa lis-Sindku jekk kienux saru l-ispot checks. Is-Sindku wiegeb li s'issa kienu ghadhom ma saru l-ebda spot checks.

2.3 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili saqsiet jekk kienx hemm iktar ilmenti mill-ahhar laqgha rigward il-gbir ta' skart goff. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li kien hemm xi ilmenti li kienu gew indirizzati.

2.4 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 3.6.11(11) u saqsa jekk il-Kunsill kienx ivverifika. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li ghad irid jivverifika jekk il-ligi tippermettiex trakk bil-materjal li jithalla barra mhux mghotti.

2.5 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 3.7(11) u 3.9(11) u saqsa x'kien gara. Is-Sindku wiegeb li hu kien tkellem mal-Arcipriet tal-lokalita' rigward din il-materja u wara li ma ntlahaqx ftehim, il-kuntrattur kien offra li jaghmel it-tiswijiet hu senza interessi.

2.6 Is-Sindku Nigel Holland ghamel riferenza ghal decizjoni li ttiehdet f'laqgha precedenti u saqsa jekk kienitx saret il-pasta night. Il-kunsillieri wiegbu li ma kienux jafu jekk din saritx.

2.7 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 3.15(11) u saqsa jekk kienx hemm xi progress. Is-Sindku wiegeb li kienet ghadha trid tinhareg sejha.

2.8 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 3.16(11) u saqsa jekk kienx hemm xi ilmenti. Is-Sindku wiegeb li s'issa kien ghadu ma dahal l-ebda ilment minkejja li ghamlet hafna xita. Il-Kunsillier Vincent Borg qal li ghalhekk l-unika haga li kienet ghadha trid tigi rrangata kien l-isprall mizdud li hemm fil-kantuniera ta' Triq l-Argotti c/w Pjazza San Kalcidonju. Is-Sindku qal li kien hemm sprall iehor fi Triq il-Konservatorju c/w Triq l-Iljun li ukoll kellu bzonn t'attenzjoni immedjata. Il-Kunsill qabel li ghandu jinforma lill-kuntrattur sabiex dawn l-ispralli jinfethu.

2.9 Il-Kunsillier Vincent Borg informa lill-Kunsill li kien informa lill-kuntrattur tar-Road Servicing biex isir il-passagg li hemm fi Pjazza Robert Samut, hdejn il-monument ta' Pietro Paolo Floriani bil-concrete. Huwa zied jghid li l-kuntrattur informah li kellu jikkuntattja lill-Perit izda s'issa kien ghadu ma rcieva l-ebda risposta u ghalhekk ser jerga' jikkuntattja lill-kuntrattur sabiex jara kif baqa'.

2.10 Il-Vici Sindku Matthew Paris gibed l-attenzjoni tal-Kunsill ghall-fatt li kien qed jibqa' jinghata xoghol lill-Perit Chris Mintoff minkejja li l-kuntratt mieghu kien skada u kienet inharget sejha ghall-offerti ghall-Perit gdid. Huwa zied jghid li l-ispiza biex isir transfer ta' files minn fuq Perit ghall-iehor ma kienetx minima. Ghalhekk il-Kunsill qabel li l-Perit Chris Mintoff ghandu jkompli bil-progetti li beda' hu u x-xogholijiet u progetti godda li ghandu l-Kunsill ghandhom jinghataw lill-Perit-il gdid ladarba jinhatar.

2.11 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 4.1 (11) u saqsa jekk kienux tnehhew il-kaxxi bil-kotba. Is-Sindku Nigel Holland wiegeb li hu kien nehha numru sostanzjali ta' kotba u fil-fatt kien sab ktieb iehor tal-Kunsill Civiku li ghandu jitpogga fl-arkivji tal-Kunsill. Huwa kompla jinforma li l-kotba li ghad fadal ser jitnehhew fil-jiem li gejjin.

2.12 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 4.5 (11) u saqsa jekk il-Kunsill kienx tella' bil-polza il-lista ta' blokok li jmiss. Il-Vici Sindku Matthew Paris wiegeb li l-polza kienet ghadha ma saritx minhabba li kien hemm problema u kien ghadu ma rceviex il-lista aggornata mid-Dipartiment tal-Housing li s'issa kienet ghadha ma gietx ikkomunikata lilu. Il-Vici Sindku Matthew Paris qal ukoll li kien tkellem ma' Dr Albert Buttigieg li nformah li l-Kunsill jista' jzid xi blokok u amministraturi ohra godda u ghalhekk kull kunsillier li kien jaf b'xi hadd interessat kellu jghaddilu l-informazzjoni necessarja. Il-Vici Sindku qal ukoll li suppost kellu jaghti lista' ta' blokok sal-ahhar ta' Novembru izda minkejja d-diversi reminders li baghat, kien ghadu ma ha l-ebda risposta. Huwa zied jghid li ladarba jircievi risposta ser jibghat ittra lil kull amministatur bid-dettalji ta' fejn, x'hin u meta ser issir il-polza.

2.13 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 6.2 (11) u saqsa jekk il-Kunsill kienx ircieva risposta dwar jekk il-Ministeru ta' George Pullicino ghandux il-materjal jew jekk ghandux il-makkinarju biex jaqta' z-zonqor. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li kien ghadu ma kellu l-ebda risposta.

2.14 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 8.3 (11) u saqsa jekk kienx hemm xi twegiba. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li wara li kien ikkonsulta mat-tender, jidher li ma kien hemm xejn specifikat dwar dan.

2.15 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 12.3 (11) u saqsa jekk kienx hemm xi progress. Is-Sindku Nigel Holland wiegeb li ghandha ssir laqgha fil-jiem li gejjin.

2.16 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 13.3 (11) u saqsa kif kien baqa' l-Kunsill rigward l-arblu u jekk kinietx inharget l-expression of interest. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li l-Expression of interest kienet ghadha ma hargitx. Is-Sindku insista li din ghandha tohrog malajr kemm jista' jkun qabel ma ssir xi hsara lill-arblu u jitlef kull valur.

2.17 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili saqsiet rigward laqgha li kellha ssir mal-Ministru George Pullicino u saqsiet jekk saritx u jekk tqajjimx il-punt rigward id-dawla ta' Gnien Herbet Ganado. Is-Sindku wiegeb li l-laqgha kienet ghadha ma saritx izda kien informa lis-Segretarju tal-Ministru b'dan il-punt ukoll.

2.18 Is-Sindku Nigel Holland ippropona li l-kunsillier responsabbli mill-manutenzjoni jew minn progetti godda ghandu jikkonsulta mal-ministeru u jipproponi li jsiru xogholijiet fuq il-bankina ta' Triq Vincenzo Dimech. Il-Kunsillier Vincent Borg ippropona wkoll li jsir xoghol fuq dak l-isprall mizdud li hemm f'nofs it-triq. Il-Vici Sindku Matthew Paris informa li x-xoghol f'din it-triq kien tlesta dakinhar stess izda ghandu jipproponi dawn iz-zewg suggerimenti xorta wahda.

2.19 Il-Vici Sindku Matthew Paris saqsa rigward it-tabella li hemm imwahhla mal-bieb tac-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V. Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili informat li din it-tabella kienet inqalghet imbaghad regghet twahhlet. Is-Sindku ppropona li din it-tabella tinqala' mill-Kunsill a spejjez tas-Sur Justin Haber u dan minhabba li s-Sur Haber kien avvicinat diversi drabi u kien baqa' ma sar xejn. Il-Kunsill qabel.

## <u>3.0 Komunikazzjonijiet mis-Sindku</u>

3.1 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li l-barrier li twahhal fi Triq l-Iljun kien qed ikerrah triq daqstant sabiha.

3.1.1 Il-Kunsillier Vincent Borg informa li hu kien informa lill-kuntrattur biex dan jitnehha u ghal xi raguni dan kien rega' sar minhabba li l-kuntrattur informah li minn hemm kienu qed jghaddu l-karozzi.

3.1.2 Is-Sindku Nigel Holland talab li jsir barrier pulit minflok dak li hemm prezenti.

3.1.3 Il-Kunsillier Vincent Borg informa li kienet saret hofra off centre u li ser jiehu hsiebha hu fil-jiem li gejjin.

**Nota: 18:05 Il-Kunsillier Anthony Brincat talab li jkun skuzat.**

3.1.4 Il-Kunsillier Vincent Borg informa li kienu qed johorgu l-vetturi minn Triq l-Iljun c/w Triq l-Argotti minkejja li kien hemm No Entry. Il-Kunsill qabel li ghandu jiehu hsieb jara x'jista' jsir.

3.1.5 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili nformat li kienet giet avvicinata minn resident li lmenta rigward container li kien tpogga fi Triq l-Iljun u li kien qed ikun t'inkonvenjent ghalih u ghar-residenti l-ohrajn. Is-Sindku wiegeb li din il-materja kienet qeghda fuq l-agenda u ghalhekk ghandha tigi diskussa iktar tard.

3.2 Is-Sindku Nigel Holland ippropona li l-Kunsill jaghmel bicca festun zejda biex b'hekk tkun koperta l-bankina kollha. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

**Nota: 18:10 Il-Kunsillier Anthony Brincat rega' rritorna ghal-laqgha.**

3.3 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand il-Kumitat Festa San Publju fejn talbu biex flimkien mal-Kunsill, tigi organizzata harga f'Ghawdex. Il-Kunsill qabel li ghandu jiffinanzja l-ispejjez tat-trasport kemm f'Malta kif ukoll f'Ghawdex. Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li jkun ideali li kieku kull ghaqda tipprovdi lill-Kunsill bi programm t'attivitajiet fil-bidu tas-sena u dan sabiex il-Kunsill ikun jista' jaghmel il-budget tieghu ta' x'ser ikun qed jonfoq f'attivitajiet kongunti mal-ghaqdiet.

3.4 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand l-impjegati tal-Kunsill ghat-trasferiment ta' leave mis-sena 2012 ghas-sena 2013. Is-Sindku Nigel Holland qal li hu ma jaqbilx li ghandu jkun hemm trasferiment ta' daqshekk ammont ta' sieghat diment li ma jkunx hemm gustifikazzjoni ghall-akkumulazzjoni tal-leave iktar u iktar fil-kaz tat-teleworking. Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili talbet li t-talba ghat-trasferiment tal-leave ma tithalliex ghal daqshekk tard. Ghalhekk il-Kunsill qabel li l-impjegati jridu jressqu talba b'gustifikazzjoni valida u kmieni matul is-sena jekk ikunu jixtiequ jakkumulaw xi leave minn sena ghall-ohra.

3.5 Is-Sindku Nigel Holland ressaq talba minghand it-22nd January li talab il-permess tal-Kunsill biex ikun jista' jaghmel awning mal-bieb tal-hanut. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni diment li jinkisbu l-permessi kollha mill-entitajiet kollha necessarji in partikolari dak tal-MEPA u bil-kundizzjoni li din ma ddejjaqx lir-residenti tal-madwar.

3.6 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li wara diversi tahdidiet, kien informat mill-Kunsilliera Davina Sammut Hili li xtaqet tirrinunzja l-kariga tal-attivitajiet. Is-Sindku Nigel Holland ghalhekk offra din il-kariga lill-kunsillieri l-ohra li setghu ikunu interessati jiehdu r-responsabbilta' ta' din il-kariga.

3.6.1 Huwa zied jghid li din il-kariga ghandha tinkludi fiha dak kollu li hu relatat mal-attivitajiet u li l-kunsillier responsabbli minnha ghandu jkun il-ball roller ghax inkella kull attivita' tispicca tinvolvi il-hames kunsillieri kollha f'xi qasam jew iehor. Is-Sindku qal li dan ma jistax ikun minhabba li ma jistax ikun hemm hames kunsillieri jorganizzaw l-istess aspetti tal-istess attivita'.

3.6.2 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li hi ma taqbilx ma' din id-deskrizzjoni

minhabba li anke wara li kienet tkellmet ma' kuntrattur li kien responsabbli minn diversi attivitajiet is-sena l-ohra, dan kien informaha li kien is-Segretarju Ezekuttiv li kien icempel rigward it-tindif u mhux il-kunsillier li dak iz-zmien kien responsabbli mill-attivitajiet.

3.6.3 Il-Kunsillier Vincent Borg saqsa jekk allura l-kunsillier responsabbli jistax jitlob lill-kunsillier responsabbli minn xi qasam specifiku sabiex jaghti l-parti tieghu bhal per ezempju titlob lill-kunsillier responsabbli mill-indafa sabiex jiehu hsieb jitlob lill-kuntrattur inaddaf il-post fejn saret l-attivita'.

3.6.4 Is-Sindku Nigel Holland qal li kull kunsillier jista' jitlob ghall-ghajnuna izda jhoss li ghandu jkun il-kunsillier li jiehu hsieb u mhux joqghod idahhal lill-kunsillieri l-ohrajn u dan sabiex jassigura li x-xoghol ikun sar.

3.6.5 Is-Sindku qal ukoll li l-impjegati tal-Kunsill huma mghobbijin b'bizejjed xoghol u l-istaff kien zghir wisq biex ilehhaq ma' kollox.

3.6.6 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li l-Kunsill kien impjega impjegat apposta ghall-organizzazzjoni tal-attivitajiet u ghalhekk certu xoghol seta' jsir minnu.

3.6.7 Is-Sindku wiegeb li bhalma qal qabel, l-istaff tal-Kunsill kien zghir wisq u ghalhekk ghalkemm il-Kunsill kellu impjegat specifikament ghall-attivitajiet, dan kien xorta mitlub jaghmel xoghol iehor.

3.6.8 Is-Sindku ghalhekk rega' saqsa jekk kienx hemm xi hadd interessat jiehu din il-kariga.

3.6.9 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li hu m'ghandux bizzejjed cans biex ikun totalment responsabbli mill-attivitajiet u dan minhabba li din il-kariga kienet tirrikkjedi ammont kbir ta' hin. Huwa offra li jghin u jassisti lil min jiehu l-attivitajiet f'idejh bhalma kien jassisti lill-Kunsilliera Davina Sammut Hili meta kellha l-attivitajiet f'idejha hi.

3.6.10 Is-Sindku Nigel Holland ghalhekk accetta li jiehu l-kariga tal-attivitajiet f'idejh hu minhabba li ma kien hemm l-ebda kunsillier iehor interessat.

3.7 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand Carina Dimech li talbet laqgha mal-Kunsill rigward il-kwistjoni tal-fanali ta' fuq il-Fosos. Il-Kunsill qabel li ghandu jiltaqa' magha nhar il-Hamis 27 ta' Dicembru 2012 fl-10.00am jew nhar il-Gimgha 28 ta' Dicembru 2012 fl-10.00am.

3.8 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenzi mill-Enemalta u l-Kunsilliera Davina Sammut Hili. Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili informat li l-Enemalta kienu akkuzaw lill-Kunsill li kien ghamel zebra crossing b'mod illegali. Hija ziedet tghid li finalment kienu sabu li dan mhux minnu u wara xahar, din iz-zebra crossing giet irrangata u qed terga' tiffunzjona.

3.9 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand il-Floriana Basketball Club fejn offrew lill-Kunsill sabiex jippublika is-souvenir programme tal-hamsin anniversarju. Il-Kunsill qabel li ghandu jitolbu l-lista tar-rati tar-reklamar u kemm ser jigi jiswa s-souvenir programme qabel ma jiehu decizjoni.

3.10 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand il-Vici Sindku Matthew Paris u talbu sabiex jiftah il-materja. Il-Vici Sindku Matthew Paris infoma lill-Kunsill li wara li kien tkellem mad-Direttur Joe Borg, kien gie nformat li sabiex il-Kunsill jiftah il-parking area ghar-residenti biss, il-Kunsill irid ihallas €100 overtime ghas-security kull darba. Ghalhekk huwa ppropona li l-Kunsill jinforma lill-partiti politici u jipproponi li din ir-rata tithallas minnhom dakinhar li jsiru l-meetings. Il-Kunsill qabel li ghandu jipproponi dan is-suggerimenti lil partiti politici kbar u jekk jintlahaq ftehim, din id-decizjoni ghandha tigi ppubblicizzata u tinghata mertu lill-kunsiderazzjoni taghhom lejn ir-residenti Furjanizi.

## 4.0 Mistoqsijiet lis-Sindku

4.1 Il-Vici Sindku saqsa lis-Segretarju Ezekuttiv kif bqajna rigward il-ftehim tal-impjegat manwali fulltime li kien ser jimpjega l-Kunsill. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li kien ghadu qed jistenna risposta mkill-Ministeru.

**Nota: 18:40 Il-Vici Sindku Matthew Paris talab li jkun skuzat.**

4.2 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili saqsiet jekk il-Kunsill kellux risposta rigward it-talba ghar-registrar fil-Floriana. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li t-talba kienet saret izda kien ghadu ma rceviex risposta. Il-Kunsill qabel li ghandu jerga' jibghat lill-awtorita' kompetenti u jfakkar fit-talba.

4.3 Il-Kunsillier Vincent Borg saqsa jekk il-Kunsill kellux risposta rigward it-talba ghall-possibilta' li tingabar il-karta r-roza mill-Floriana. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li t-talba kienet saret izda kien ghadu ma rceviex risposta. Il-Kunsill qabel li ghandu jerga' jibghat lill-awtorita' kompetenti u jfakkar fit-talba.

4.4 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili saqsiet lis-Sindku jekk il-barriers hdejn il-parking area tal-Fosos jistghux jitnizzlu iktar 'l isfel. Il-Kunsill qabel li ghandu jitkellem mal-Active Enterprises u jara jekk dan hux possibli.

4.5 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili saqsiet jekk dakinhar kinietx saret laqgha mal-Floriana F.C. Il-Kunsillier Vincent Borg saqsa ghalfejn il-kunsillieri ma kienux gew informati. Is-Sindku wiegeb li din il-laqgha kienet giet mghajjta mill-Floriana F.C. u kienu stiednu biss lis-Sindku sabiex jattendi. Huwa qal li ghal din il-laqgha kien wasal tard u ghalhekk ma jafx x'kien gie diskuss ezatt.

**Nota: 18:45 Il-Vici Sindku Matthew Paris rega' attenda ghal-laqgha.**

4.6 Is-Sindku Nigel Holland qal li mill-informazzjoni li kellu, l-ezitu kien li s-Sur Charles Bonello ghandu jirreferi kollox lill-Ministru Austin Gatt. Is-Sindku qal li hu ghandu jaghmel xi punti lis-Sur Charles Bonello. Is-Sindku qal li minhabba c-cirkostanzi politici, sfortunatament jahseb li issa trid tghaddi l-elezzjoni qabel ma tittiehed decizjoni importanti dwar it-trasferiment tal-art u ghalhekk il-Kunsill ghandu jassigura li ghallinqas ghalissa s-sitwazzjoni tibqa' kif inhi u mbaghad tigi ttrattata f'Marzu.

**Nota: 18:47 Il-Kunsill qabel li ghandu jiddiskuti l-materja nru 12.0 qabel materja nru 5.0 u talab lis-Sur Justin Attard sabiex jinghaqad mal-mejda.**

**18:50 Is-Sindku Nigel Holland talab li jkun skuzat.**

## 12.0 Celebrazzjonijiet Nazzjonali ta lejliet l-Ewwel tas-Sena

12.1 Il-Vici Sindku Matthew Paris talab lil Justin Attard sabiex jinformah f'liema stadju jinsabu l-preparazzjonijiet ghac-Celebrazzjoni ta' Lejliet l-Ewwl tas-Sena.

12.2 Is-Sur Justin Attard informa li issa kien kwazi kollox gie ffinalizzat u kien jonqos biss xi preparamenti zghar.

12.3 Il-Vici Sindku Matthew Paris saqsa met ser jibda' l-armar u s-Sur Justin Attard informa li l-armar kollu kellu jibda' jumejn qabel.

12.4 Is-Sur Justin Attard informa li ser ikun hemm ukoll kids' area u din ser tittella' minn Amy's Entertainment.

12.5 Is-Sur Justin Attard talab l-assistenza tal-Kunsill ghall-barriers u projectors minhabba li dawn ser ikun hemm bzonnhom peress li kien hemm il-hsieb li jsiru xi projection u xi vizwali ta' countdown u affarijiet ohra fuq il-Knisja. Is-Segretarju Ezekuttiv informah li l-Kunsill ma kellux il-barriers jew il-projectors tieghu u ghalhekk dawn ikollhom jinkrew. Madankollu, il-Kunsill kien ristrett bil-ligi li ma jeccediex somma minghajr ma johrog sejha ghall-offerti u ghalhekk issa kien tard wisq biex dawn jithallsu mill-Kunsill minhabba li ma kienx ghad fadal cans biex tinhareg sejha ghall-offerti.

**Nota:** **<u>18:53 Is-Sindku Nigel Holland rega' attenda ghal-laqgha.</u>**

12.6 Il-Vici Sindku Matthew Paris informa li ghalkemm il-ftehim inizjali kien li l-Kunsill ihallas it-tined, u s-Sur Justin Attard jiehu hsieb il-marketing, kien sar ftehim iktar vijabbli fejn il-marketing ser jigi mhallas mill-Kunsill u t-tined jithallsu mis-Sur Attard. Huwa zied jghid li l-ispiza tal-marketing kienet fl-istess ilma ta' dik tat-tined u ghalhekk ma kienx hemm spiza addizzjonali.

12.7 Is-Sindku Nigel Holland ippropona lis-Sur Attard li jindaqqu l-qniepen tal-knisja mad-daqqa ta' nofs il-lejl. Is-Sur Attard qal li dan ma kienx ser ifixkel il-pjanijiet li kellu u ghalhekk ghandu jikkunsidra s-suggeriment tieghu.

12.8 Is-Sindku Nigel Holland saqsa jekk il-programm kienx iffinalizzat u saqsa wkoll meta kien ser jibda' l-marketing tal-attivita'. Is-Sur Attard wiegeb li l-programm kien gie ffinalizzat b'xi addizzjonijiet godda. Huwa zied jghid ukoll li bhala marketing kienu saru xi reklami fuq is-Sunday Times u anke fuq xi billboards fost ohrajn.

12.9 Il-Vici Sindku Matthew Paris informa li kien ser ikun hemm zewg ferroviji li jmorru bejn il-Floriana u l-Belt Valletta.

12.10 Is-Sur Justin Attard informa lill-Kunsill li l-palk kien ser jibda' jintrema fid-29 ta' Dicembru 2012.

12.11 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghal-laqgha precedenti u saqsa ghalfejn issa kienu zdiedu xi spejjez godda meta l-ftehim kien li l-ispejjez tal-Kunsill kienu ser ikunu biss it-tined. Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li ghalkemm dak kien il-ftehim inizjali, issa l-Kunsill kien inghata fondi sa massimu ta' €10,000 u apparti dawn il-fondi, il-Kunsill ma kienx ser jonfoq centezmu ghajr dawn.

12.12 Is-Segretarju Ezekuttiv qal li d-Dipartimet ghall-Gvern Lokali kien ser ihallas biss fuq ircevuti fiskali sa massimu ta' €10,000 u ghalhekk il-Kunsill kellu dan il-limitu ghad-dispozizzjoni tieghu. Huwa zied jghid ukoll li s'issa minn dawn il-fondi kienu diga ntefqu €5,000, parti minnhom tkopri l-barriers li kienu gew mitluba minn Transport Malta.

12.13 Ghalhekk il-Kunsill qabel li ghandu jonfoq sal-parametri ta' €10,000 u li l-ispiza ma teccediex dan l-ammont.

12.14 Is-Sur Justin Attard qal li rigward in-nar kien gie kollox iffinalizzat u fil-fatt ser ikun qed jiltaqa' ma' min hu responsabbli dakinhar stess.

12.15 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li fil-laqgha li kienet ser tinzamm mal-Pulizija, hu kien ser jitlob li l-barriers mitluba minn Transport Malta jigu pprovduti mill-Pulizija minhabba li din kienet kwistjoni ta' traffic management.

12.16 Is-Sur Justin Attard informa lill-Kunsill li kien ser ikun hemm ukoll xi bars li jbieghu ikel u xorb, li kienu ser jigu amministrati mill-Barcode Events. Is-Segretarju Ezekuttiv talab lis-Sur Attard sabiex jinforma lill-Barcode Events jigu jaqtghu il-permessi necessarji mill-Kunsill.

12.17 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili saqsiet jekk hux ser tinghalaq Pjazza San Publju. Is-Sur Justin Attard wiegeb li din ser tinghalaq bilfors minhabba armar, ecc.

12.18 Is-Segretarju Ezekuttiv informa li c-cekk ghall-insurance tan-nar kien inhareg u kien moghti lill-Colin li kien qed jiehu hsieb in-nar.

12.19 Is-Sindku saqsa jekk is-Sur Attard hux ser jattendi ghal-laqgha mal-Pulizija li ser issir nhar il-Gimgha u dan minhabba li ser ikun hemm bzonn li jsiru arrangamenti ghat-traffiku fost affarijiet ohrajn. Is-Sur Attard ikkonferma l-attendenza tieghu ghal-laqgha.

12.20 Is-Sur Justin Attard saqsa lill-Kunsill jekk kienux inhargu xi permessi ghall-gabbani b'ikel u xorb. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li s'issa ma kienu nhargu l-ebda permessi ghall-gabbani u f'kaz li jinhargu dawn kienu ser jinhargu 'l barra miz-zona esklussiva.

12.21 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili saqsiet rigward il-bars li hemm fiz-zona esklussiva, partikolarment The Granaries. L-Organizzatur irrimakra biex ma jinhargux permessi fiz-zona tal-esklussivita. Is-Sindku Nigel Holland irrimarka li ser ikellimom.

12.22 Is-Sur Justin Attard assigura li dawn il-bars mhux ser ikunu mghottija u m'hu ser jitpogga xejn goff quddiemhom.

12.23 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili talbet lis-Sur Attard sabiex il-mobile toilets jitnehhew mill-ewwel wara l-attivita' u jitnehhew b'mod tajjeb. Hija nsistiet li dawn ghandhom jitnehhew b'attenzjoni u b'tali mod li ma jithalliex hmieg warajhom.

12.24 Il-Kunsill talab lis-Sur Justin Attard sabiex jipprovdi programm dettaljat bil-hinijiet ta' min ikun ser jiehu sehem u x'ser ikun hemm fuq il-palk. Is-Sur Attard wiegeb li dan ghandu jipprovdih ghada.

12.25 Il-Kunsill talab ukoll li jkun informat b'xi addizzjonijiet jew tnaqqis mill-programm tal-attivita'.

**Nota: 19:20 Is-Sur Justin Attard skuza ruhu minn mal-mejda.**

12.26 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili saqsiet dwar x'kien ser isir rigward it-tindif tal-Fosos wara l-attivita' u pproponiet li jekk inhu possibli, l-ispiza tigi assorbita mill-Kunsill anke biex il-Kunsill ikun cert li x-xoghol sar u sar sew. Il-Kunsill qabel li ghandu jivverifika mal-kuntratt u jara ghal kemm ser tigi tammonta l-ispiza sabiex jitnaddaf il-Fosos u l-madwar.

12.27 Is-Sindku Nigel Holland informa li DJS Trading kien ghad irid jaghti xi flus lura lill-Kunsill in konnessjoni ma New Years Eve 2011/2 u minkejja kull tentattiv, il-flus kienu ghadhom dovuti. Ghalhekk il-Kunsill qabel li ghandu jitlob lill-Avukat tal-Kunsill sabiex jiktiblu u jibghatlu l-ittra 166A.

## 5.0 Rapporti u Minuti tal-Kumitati / Sottokumitati

5.1 Ma kien hemm l-ebda rapporti jew minuti tal-kumitati / sotto kumitati.

## 6.0 Rapporti minn Ufficjali tal-Kunsill

6.1 Ma kien hemm l-ebda rapporti minn ufficjali tal-Kunsill.

## 7.0 Approvazzjoni ta' Hlas ta' Kontijiet Pendenti u Materji Finanzjarji

7.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezenta l-iskedi ta' pagamenti bir-referenza **73-05**, li gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha.

7.2 Il-Vici Sindku nforma li hu kien ser ikun qed jastjeni mill-pagamenti nru 20, 21, 60, 64 u 76.

7.3 Il-Kunsillier Vincent Borg u l-Kunsilliera Davina Sammut Hili informaw li huma kienu ser ikunu qed jastjenu minn pagament nru 71.

7.4 Ittiehed vot favur l-approvazzjoni tal-hlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati bhala cekk nru 11070 sa 11151 , bir-rizultat:

Favur: 5 (NH, MP, DSH, VB, AB)
Kontra : 0
Astensjonijiet: 0

7.5 Ghaldaqstant, l-iskeda ta' pagamenti sabiex jigu approvati l-hlasijiet għaddiet u giet iffirmata mill-Sindku Nigel Holland, mis-Segretarju Ezekuttiv u minn zewg kunsillieri.

7.6 Is-Sindku Nigel Holland ippropona li jizdied pagament pagabbli lil Dion Galea bhala pagament nru 80 ghall-upgrading of pavements, total ta' €8381.74. Il-Kunsill approva b'mod unanimu.

7.7 Is-Segretarju Ezekuttiv ressaq ghall-approvazzjoni tal-Kunsill il-lista ta' memos interni 68/06 sa 85/06. Il-Kunsill approva b'mod unanimu ghall-eccezzjoni ta' memo interna nru 81-06 minhabba nuqqas ta risposti.

7.8 Il-Vici Sindku Matthew Paris ghamel riferenza ghall-memo interna nru 81-06 rigward Triq il-Kapuccini fejn gie mitlub li ma jithallewx jghaddu heavy vehicles minn din it-triq, bl-eccezzjoni ghat-trasport pubbliku.

7.8.1 Il-Kunsillier Vincent Borg rega' sostna li hu ma jaqbilx minhabba li din id-decizjoni ser titfa' iktar pressjoni fuq Triq San Frangisk peress li l-vetturi li jkunu jridu johorgu jkollhom jghaddu bilfors minn Triq San Frangisk.

7.8.2 Il-Vici Sindlu Matthew Paris talab li din il-memo titressaq ghall-vot tal-Kunsill fil-laqgha.

7.8.3 Wara li tressqet proposta mill-Vici Sindku Matthew Paris, issekondat mill-Kunsillier Anthony Brincat sabiex ma jithallewx jidhlu vetturi kbar fi Triq il-Kapuccini, ittiehed vot bir-rizultat kien:

Favur: 3 (MP, AB, NH)
Kontra: 2 (VB, DSH)
Astensjonijiet: 0

**Nota: 19:30 Il-Kunsill qabel li ghandu jiddiskuti l-materja nru 14.0 qabel materja nru 8.0 u talab lill-Avukat Dr Martin Fenech sabiex jinghaqad mal-mejda.**

## 14.0 Permessi ta Gabbani, etc

14.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah il-materja u qal li hu jinsab iddispjacut hafna rigward it-telf ta' din il-kawza minhabba li dan ifisser eluf ta' ewro mitlufa li naqsu minn progetti li setghu saru.

14.2 Is-Sindku qal ukoll li l-Kunsill irid ikun specifiku dwar x'irid isir minhabba li l-Kunsill ikun involu f'diversi attivitajiet u ma jistax jissogra li din ic-cirkostanza terga' tirrepeti ruhha.

14.3 Is-Sindku qal ukoll li hu jinsab iddispjacut ghall-fatt li l-Kunsill ma kienx appella mid-decizjoni tal-Bord tal-Governanza meta hu kien talab lis-Segretarju Ezekuttiv precedenti sabiex jappella minn din id-decizjoni u l-Avukat kien informahom li dan ma kienx possibbli.

14.4 Dr Martin Fenech qal li hu ma jahsibx li wiehed jista' jappella mill-Bord tal-Governanza u dan minhabba li dan il-bord ma kienx jiehu decizjonijiet izda kien jghaddi biss rakkomandazzjonijiet.

14.5 Is-Sindku Nigel Holland qal ukoll li wara li kien tkellem ma' Dr Fenech, kien gie ssuggeriet li l-Kunsill jaghmel ritrattazzjoni mill-kaz minhabba li l-Bord tal-Governanza ma kienx bord li jiehu decizjonijiet izda jaghti biss rakkomandazzjonijiet u ghalhekk ma jhossx li setghet tinqata' l-kawza fuq dik ir-raguni. Dan anke minhabba li meta l-Kunsill wiegeb lill-Bord tal-Governanza seta' ma semmiex ir-ragunijiet kollha tieghu, ma kkjarifikax l-argument tieghu u ma kinietx inghatat stampa cara tal-argument tal-Kunsill.

14.6 Dr Martin Fenech informa li l-Kunsill seta' jaghmel ritrattazzjoni fuq bazi ta' wrong application of the law. Huwa zied jghid li ghalkemm kien hemm lok ghalih, sta ghall-Kunsill li jiehu decizjoni jekk iridx jipprocedi b'dan il-mod.

14.7 Dr Fenech informa wkoll li jekk il-Kunsill jiddeciedi li jipprocedi bir-ritrattazzjoni, ghandu jkun jaf li jekk il-Kunsill ma jirbahx il-kawza, kien ser ikun suggett li johrog spejjez doppji. Huwa zied jghid li l-Kunsill jista' jirtira r-ritrattazzjoni fi kwalunkwe stadju.

14.8 Il-Kunsill qabel li ghandu l-ewwel jivverifika jekk wiehed setax jappell mid-decizjoni tal-Bord tal-Governanza qabel ma jipprocedi bir-ritrattazzjoni.

14.9 Is-Sindku Nigel Holland saqsa lill-avukat x'ser jigri f'attivitajiet futuri u jekk il-Kunsill huwiex kostrett johrog permessi ghall-gabbani. L-Avukat informa li l-Kunsill ser ikun jista' johrog permessi ghall-gabbani barra miz-zona t'esklussivita' u dan minhabba li din iz-zona ikun diga' hallas ghaliha haddiehor.

**Nota: 19:55 Dr Martin Fenech skuza ruhu minn mal-mejda.**

## 8.0 Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet

8.1 **12/1 –** *Mozzjoni sabiex tinhareg sejha fil-forma ta' Expression of interest (EOI) ghal providers ta' servizz digitali jew forma ohra ta servizzi televizivi, bi prezzijiet sussidjati ghal kull min jnehhi l-aerial tieghu minn fuq il-bejt gewwa l-Floriana;*

*L-'skyline' prezenti tal-Floriana turi li hemm diversi binijiet li ghandhomn aerial tat-televizzjoni u dana qed jkerrah l-estetika – permezz ta' din l-EOI, il-provider jkun qieghed jikkommetti ruhu li jforni servizz bi prezz ridott ghal kull persuna li tnehhi l-aerial minn fuq il-bejt tieghu;*
*Permezz ta' din l-inizjattiva, r-residenti tal-Floriana ser ikunu ukoll qed jgwadu minn prezzijiet irhas;*

Proponent – Matthew Paris ________________________

Sekondant – Anthony Brincat ________________________

8.1.1 Il-Vici Sindku Matthew Paris informa li l-ispiza tal-Kunsill tkun tinvolvi biss il-pubblikazzjoni u xejn iktar.

8.1.2 Il-Kunsill ha vot rigward il-mozzjoni t'hawn fuq, bir-rizultat kien:

Favur: 5 (MP, AB, DSH, NH, VB)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

8.2 **12/2 –** *Mozzjoni sabiex il-kunsill jghin sabiex titwaqqaf assocjazzjoni tal-komunita kummercjali Furjaniza.*

**Motivazzjoni**:

*Illum il-Floriana tospita numru elevat ta' ufficini, business, hwienet, u lukandi. L-assocjazzjoni tal-komunita kummercjali Furjaniza, tkun tista isservi bhala forum fejn diversi inizjattivi jigu diskussi u titjien fil-lokalita jigu implimentati – tkellimnt ma diversi kummercjanti Furjanizi u jidhru interessati ferm li tali assocjazzjoni titwaqqaf;*

Proponent – Matthew Paris ________________________
Sekondant – Anthony Brincat ________________________

8.2.1 Il-Kunsill ha vot rigward il-mozzjoni t'hawn fuq, bir-rizultat kien:

Favur: 5 (MP, AB, DSH, NH, VB)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

8.3 **12/3 -** *Qed nitlob sabiex jitwahlu fanali ornamentali fi trejqet l-imhazen kif ukoll jitwahhlu fanali ornamentali fl-ahhar 2 kurrituri quddiem Block 3 fil-bitha ta' Block 2*

Proponent – Davina Sammut Hili ________________________
Sekondant – Vincent Borg ________________________

8.3.1 Il-Kunsill ha vot rigward il-mozzjoni t'hawn fuq, bir-rizultat kien:

Favur: 5 (DSH, VB, AB, NH, MP)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

**<u>Nota: 20:05 Is-Sindku Nigel Holland talab li jkun skuzat.</u>**

**Il-Kunsill irrisolva ruhu f'Kumitat tal-Ghazla tal-offerti fejn iddiskuta l-offerti t'hawn taht u ghadda r-rakkomandazzjonijiet tieghu lill-Kunsill.**

## 9.0 Evalwazzjoni tal-offerti –

### 9.1 FLC/T/6/12 – Architects and Works Manager

**Nota: 20:10 Is-Sindku Nigel Holland rega' rritorna ghal-laqgha.**

9.1.1 Il-Vici Sindku Matthew Paris ressaq mozzjoni ssekondata mill-Kunsilliera Davina Sammut Hili sabiex tintaghzel l-offerta' tal-Perit Stephen Farrugia obo MP&DC fuq rakkomandazzjoni tal-Kumitat tal-Ghazla tal-Offerti u anke wara li evalwa r-rakkomandazzjonijiet tal-Accountant is-Sur Paul Bugeja, peress li kienet l-iktar offerta' vantaggjuza, bir-rizultat kien:

Favur: 5 (MP, DSH, NH, VB, AB)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

9.1.2 Il-Vici Sindku Matthew Paris ippropona li l-progetti mibdija mill-Perit precedenti tal-Kunsill, il-Perit Chris Mintoff, jitkomplew mill-istess Mintoff u dan sabiex il-Kunsill jiffranka l-ispejjez addizzjonali ta' transfers minn perit ghall-iehor. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

## 9.2 FLC/Q/6/12 – Cleaning of Fountains

9.2.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah id-diskussjoni billi qal li kien hemm tliet offerenti.

9.2.2 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili informat lill-Kunsill li hi kienet ser tivvota kontra l-ghazla tal-offerta' ta' KDF Ltd., anke jekk din kienet l-orhos offerta' u dan minhabba li l-kuntrattur Karl De Flavia diga kellu dan l-istess kuntratt qabel u tali kuntratt kien gie tterminat mill-Kunsill minhabba xoghol mhux soddisfacenti.

9.2.3 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li l-offerta' kienet mitfugha minn entita' differenti minhabba li KDF Ltd. qatt ma kien impjegat mill-Kunsill Lokali Floriana.

9.2.4 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili sostniet li ghalkemm l-offerta' kienet mitfugha mill-kumpanija KDF Ltd., il-Kunsill kien jaf li d-direttur u min kien ser jahdem kien is-Sur Karl De Flavia li diga' kien kellu kuntratt mal-Kunsill. Ghalhekk hi thoss li din mhux ser taghmel differenza, ladarba l-Kunsill diga kellu esperjenza hazina mill-istess persuna li ser tkun qed taghmel ix-xoghol.

9.2.5 Il-Kunsillier Vincent Borg sostna li skont il-Ministru Chris Said, il-Kunsill kellu dritt jirrifjuta offerta' ta' kumpanija jew individwu li kien diga ta xoghol hazin lill-Kunsill.

9.2.6 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili saqsiet lis-Segretarju Ezekuttiv jekk kienx ikkonsulta mal-Avukat tal-Kunsill dwar dan.

9.2.7 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li ghalih huwa immaterjali li l-offerta' intefghet f'isem il-kumpanija u mhux f'isem l-individwu, minhabba li jekk jaf li s-Sur De Flavia huwa d-direttur, jinsab cert x'tip ta' xoghol kien ser jinghata lill-Kunsill.

9.2.8 Il-Kunsill qabel li ghandu jitlob parir legali lill-Avukat tal-Kunsill bil-miktub dwar dan il-kaz u fejn ghandu jkun car bid-dettalji tal-istorja sabiex jinghata parir xieraq.

### 9.3 FLC/T/5/12 – Cleaning and Upkeep of Gardens and public convenience

9.3.1 Minhabba li l-irhas offerent ta' din is-sejha huwa wkoll KDF Ltd. u minhabba l-istess ragunijiet diskussi f'materja nru 9.2, il-Kunsill qabel li ghandu jitlob parir legali lill-Avukat tal-Kunsill qabel ma jiehu decizjoni.

### 9.4 FLC/T/8/12 – Provision of Insurance

**Nota: 20:30 Il-Kunsillier Anthony Brincat talab li jkun skuzat.**

9.4.1 Il-Vici Sindku Matthew Paris ressaq mozzjoni ssekondata mill-Kunsillier Vincent Borg sabiex tintaghzel l-offerta' tal-Island Insurance fuq rakkomandazzjoni tal-Kumitat tal-Ghazla tal-Offerti peress li kienet l-orhos offerta', bir-rizultat kien:

Favur: 4 (MP, VB, DSH, NH)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

## 10.0 Rapport Finanzjarju tat-Tielet kwart

10.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezenta r-rapport finanzjarju tat-tielet kwart ghall-approvazzjoni tal-Kunsill.

10.2 Ir-rapport finanzjarju tat-tielet kwart gie approvat b'mod unanimu.

## 19.0 Aġġornament tal-laqgħa

18.1 Il-Kunsill qabel li l-laqgha li jmiss ghandha ssir nhar il-Gimgha 4 ta' Jannar 2013 fl-4.00pm.

Is-Sindku Nigel Holland awgura l-festi t-tajba lill-membri tal-Kunsill, lis-Segretarju Ezekuttiv u lill-istaff. Il-Vici Sindku, il-kunsillieri u s-Segretarju Ezekuttiv f'ismu u f'isem il-membri tal-istaff, awguraw il-Milied it-tajjeb u l-festi t-tajba lil xulxin.

Il-laqgha ntemmet fid-20.55.

Nigel Holland
Sindku

Svetlick J. Flores
Segretarju Ezekuttiv